**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 150/2015JB

Numru 1

**Michael Attard Limited (C32362)**

***vs***

**Godwin Schembri u b'digriet tat-Tribunal tal-15 ta' April 2015 gie mahtur bhala kuratur deputat Dr Joseph Mizzi sabiex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' Godwin Schembri**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-25 ta' Frar 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn u ghaxar euro u hamsa u erbghin centezmu (€2,010.45) rapprezentanti bilanc ta' import ta' ghaxar kambjali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' April 2015;

Ra d-digriettal-15 ta' April 2015 fejn, fuq talba tas-Socjeta Attrici, it-Tribunal ordna li jinhatar kuratur sabiex jidher ghall-eredita gjacenti tal-mejjet Godwin Schembri;

Ra r-risposta tal-kuratur deputat, l-Avukat Joseph Mizzi (a fol 23) fejn dan eccepixxa li mhuwiex edott mill-fatti stante li ma rnexxilux jikkomunika mal-eredi tal-mejjet Godwin Schembri fil-waqt li rrizerva li jressaq eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti u l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi mix-xhieda ta' Stefan Sacco u bid-dokumenti minnu prodotti, jirrizulta car minn dak li qal Sacco li l-kambjali in kwistjoni huma dawk li saru dovuti fis-16 ta' Awissu 2014, fis-16 ta' Settembru 2014, fis-16 ta' Ottubru 2014, fis-16 ta' Novembru 2014, fis-16 ta' Dicembru 2014 u fis-16 ta' Jannar 2015 fir-rigward tal-vettura EBO-067 fejn kull kambjala kienet ghal €232.45 ghajr ghall-ewwel wahda li dwarha kien hemm bilanc ta' €64.90 li flimkien jammontaw ghal €1,227.15 kif ukoll dawk li saru dovuti fil-21 ta' Ottubru 2014, fil-21 ta' Novembru 2014, fil-21 ta' Dicembru 2014 u fil-21 ta' Jannar 2015 fir-rigward tal-vettura ACA-671 fejn kull kambjala kienet ghal €198.33 ghajr ghall-ewwel wahda li dwarha kien fadal bilanc ta' €188.31 li flimkien jammontaw ghal €783.30. Isegwi ghalhekk li dawn il-kambjali kollha jammontaw kompessivament ghal €2,010.45;

Illi hu car li minn dak li jirrizulta mill-atti, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba taghha u t-Tribunal ma jarax li hemm xi impediment sabiex din it-talba tintlaqa'. Mill-banda 'l ohra jqis li l-kuratur mhux f'qaghda li jressaq provi in kontradizzjoni tat-talba li fuq kollox hija rikonuxxuta b'kambjali;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenut fil-kwalita tieghu premessa ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €2,010.45 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut fil-kwalita tieghu premessa, b'dan li l-ispejjez tal-kuratur deputat ghandhom provizorjament jithallsu mis-Socjeta Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*